MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 1094/2003

**A B C**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tad-29 ta' April 2005 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg fid-19 ta' Marzu 1994 fir-Registru taz-Zwigijiet, fir-Registru Pubbliku, Valletta;

Premess illi jirrizulta li l-kunsens tal-esponenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Premess illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb bl-eskluzjoni ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga inkluz l-att taz-zwieg;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fid-19 ta’ Marzu, 1994 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u rrizervaw li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha ma’ l-assenti D E C huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-kap.255 imputabbli lill-konvenut.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tixhed u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizulta mhux kontraddett li fis-19 ta’ Marzu 1994 l-attrici izzewwget lil D E C, persuna li f’dak iz-zmien kellu nazzjonalita’ Libjana, u meta allura dan kellu 38 sena u l-

attrici 26. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fis-27 ta' Awissu 1995.

Illi, ghalkemm qabel iz-zwieg l-konvenut ipprogetta lilu nnifsu bhala ragel biezel u li ried jibqa' Malta u jsib xoghol hawn, fil-fatt meta zzewweg lill-attrici wera bic-car li huwa bniedem ghazzien u li ma kellu ebda intenzjoni jahdem u li jghix permanentement ma' l-attrici. Di fatti huwa kien jaghmel granet shah u anke ljieli barra, filwaqt li l-attrici ssefter warjah u tipprova tmantni lilha nnifisha u lill-binthom bl-assistenza socjali. Irrizulta li fis-sena 1996 il-konvenut kien qal lill-attrici li dana kellu bzonn imur l-Algeria, via Franza, sabiex igib xi flus li kellu jiehu minn hemmhekk. L-attrici bi speranza li ttejjeb il-posizzjoni finanzjarja taghhom, accettat, u wara li sselfet il-flus ghall-passagg, tat il-flus lill-konvenut li b' hekk siefer fid-29 ta' Dicembru 1996. Minn dak in-nhar sallum ma regax tfacca Malta, u l-attrici, tramite l-interpol saret taf li l-konvenut qed jghix fi Franza ma' mara ohra. Xi sena wara li telaq, il-konvenut kien kiteb ittra lill-attrici fejn informaha li huwa kien stabilixxa ruhu fi Franza u ma kellux intenzjoni li jirritorna Malta u qallha li ma kienx aktar interessat fiha u li da parti tieghu setghet tpoggi ma' ragel iehor. Sadanittant, il-konvenut qatt ma ra lil bintu li llum ghandha 10 snin u qatt ma baghat flus ghal manteniment.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti ittrravvisa da parti ta' l-assenti l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat.

In propositu gie osservat fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA*

*Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs A Tonna – 31.01.1996*]

Fil-kaz odjern jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li, ghalkemm esternament l-assenti kien ta l-kunsens matrimonjali, izda internament huwa eskluda obligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali bazata fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta lejn hajja in komuni bazata fuq ir-rispett reciproku, il-prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija taghhom. Jidher car mill-komportament tieghu li l-assenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens eskluda mhux biss obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mattrimonjali, izda anke z-zwieg nnifsu; u malli ottjena l-passaport Malti huwa abbanduna lill-attrici totalment.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-kunsens matrimonjali ta’ l-assenti kien vizzjat b’ eskluzzjoni posittiva fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] Kap.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tiddikjara null u bla effett fil-ligi iz-zwieg ikuntrattat bejn il-partijet fis-19 ta’ Marzu 1994.

L-ispejjez a kariku ta’ l-assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------